# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2023

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 78/2021 ISB**

**Unknown AB** (soċjeta reġistrata fl-indirizz Styrmansgatan 29, 114 54, Stokkolma, l-Iżvezja, b'numru ta' reġistrazzjoni 559064-1584)

**vs**

**Gameday Group plc (C77333)**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjeta` **Unknown AB**, intavolat fit-23 ta' Settembru 2021, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex:-

i. *Tiddikjara illi l-affarijiet tas-soċjetà Gameday Group plc tmexxew u qiegħdin jitmexxew b'mod oppressiv, mhux ġust u diskriminatorju fil-konfront tal-istess Unknown AB;*

*ii. Tordna lil Gameday Group plc tirrifletti t-trasferiment tal-Ishma kif spjegat f'dan ir-rikors, fir-reġistru tal-membri ta' Gameday Group plc;*

*iii. Tieħu dawk il-provvedimenti u tagħti dawk l-ordnijiet kollha illi din l-Onor Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Is-soċjetà rikorrenti Unknown hija azzjonista minoritarja fis-soċjetà intimata Gameday Group plc ("**Gameday**") u dan billi hija żżomm 33,863 sehem, ilkoll paid up u tat-tip 'Ordinary' fl-istess Gameday (l-"**Ishma**").*

2. *Permezz ta' ittra datata 4 ta' Mejju 2021 mibgħuta minn Unknown lil Gameday, Unknown spjegat illi hija tixtieq titrasferixxi l-Ishma lil terza persuna.[1] Tali ittra intbagħtet ai termini tal-artikolu 7.2.3 tal-ftehim bejn azzjonisti ta' Gameday tas-sena 2018, inkluż Unknown.*

3. *Permezz ta' ittra datata 7 ta' Ġunju 2021, il-bord ta' diretturi ta' Gameday informat lil Unknown illi tali trasferiment ġie rrifjutat u dan a bażi tal-artikolu 69 tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni ta' Gameday[2], liema artikolu Gameday tisħaq illi jagħti diskrezzjoni wiesa u assoluta lid-diretturi ta' Gameday li jirrifjutaw kwalunkwe trasferiment ta' ishma u li tali diskrezzjoni teżisti indipendentament mill-ftehim ta' bejn l-azzjonisti suċitat.*

4. *Madanakollu, fl-istess ittra datata 7 ta' Ġunju 2021, mibgħuta bħala soft copy mis-Sur Erik Sharp, direttur u segretarju ta' Gameday, Gameday mhux talli irrifjutat it-trasferiment kif propost, talli għaddiet sabiex minflok tagħmel il-proposti tagħha lil Unknown, liema proposti, għalkemm kienu jwasslu sabiex Unknown tiżvesti ruħha mill-Ishma in kwistjoni, kienu wkoll jwasslu għal tibdiliet materjali u (kif taf ben tajjeb Gameday) preġudizzjevoli għal Unknown f'ftehim ġja eżistenti bejn Unknown u soċjetà sussidjarja ta' Gameday u/jew għal ħlas ta' premium lil Gameday għat-trasferiment tal-Ishma.[3]*

---

[1] Ara ittra datata 4 ta' Mejju 2021 hawn annessa u mmarkata bħala **Dok.U1**
[2] Ara kopja tal-Memorandum u l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni hawn annessi u mmarkati bħala **Dok.U2**
[3] Ara ittra datata 7 ta' Ġunju 2021 hawn annessa u mmarkata bħala **Dok.U3**

5. *Permezz ta' ittra datata 26 ta' Awwissu 2021, Unknown għamlet il-posizzjoni tagħha ċara fir-rigward tal-proposti ta' Gameday. Ukoll permezz ta' din l-ittra, Unknown informat lil Gameday b'strument ta' trasferiment datat 12 ta' Ġunju 2021, fejn Unknown trasferixxiet l-Ishma in kwistjoni lil fuq imsemmija terża persuna, is-Sinjur Andrea Arici, (kif kien ġie oriġinarjament propost minn Unknown fl-ittra tagħha ta' nhar l-4 ta' Mejju 2021) u tat l-istruzzjonijiet tagħha lill-bord tad-diretturi ta' Gameday sabiex tali trasferiment jiġi rifless fir-registru tal-membri tal-istess.*[4]

6. *Madanakollu, il-bord tad-diretturi ta' Gameday kompla jirrifjuta li jirreġistra tali trasferiment fir-reġistru tal-membri u dan billi l-bord tad-diretturi tagħha kompla jisħaq illi huwa qiegħed jaġixxi fl-aħjar interess tas-soċjetà Gameday u tal-bqija tal-azzjonisti tagħha, mingħajr ma tispjega x'inhuma tali interessi.*[5] *Fil-fatt, Unknown għada sal-ġurnata tal-lum tidher bħala azzjonista fl-istess Gameday.*[6]

7. *Tali rifjut huwa biss attentat ta' arm twisting, fejn Gameday, filwaqt illi tonqos milli tirrifletti t-trasferiment tal-Ishma fir-reġistru tal-membri, qiegħda tistaħba wara l-allegata diskrezzjoni wiesa mogħtija lill-bord tad-diretturi tagħha fl-Artikoli ta' Assoċjazzjoni u tittenta tisforza lil Unknown tidħol f'ftehimiet preġudizzjevoli għaliha. Tali rifjut imur kontra d-disposizzjonijiet tal-ftehim bejn azzjonisti ta' Gameday, liema disposizzjonijiet jinkludu d-dritt tal-azzjonisti illi jittrasferixxu l-ishma tagħhom, inkluż allura l-Ishma ta' Unknown, lil terzi. Inoltre, il-bord tad-diretturi ta' Gameday huwa ben konoxxenti tat-termini u kundizzjonijiet tal-ftehim ta' bejn azzjonisti tal-istess Gameday, inkluż tad-dritt ta' Unknown li titrasferixxi l-Ishma skont id-disposizzjonijiet kif maqbula, billi, tramite intermediate holding companies, huma wkoll parti mill-istess ftehim. Tali rifjut jista' b'hekk biss jammonta għal aġir u użu oppressiv, mhux ġust u diskriminatorju tal-Artikoli ta' Assoċjazzjoni ta' Gameday, partikolarment fir-rigward ta' Unknown.*

8. *Unknown ma kellha b'hekk l-ebda għażla għajr illi tipproċedi b'dawn il-proċeduri ġudizzjarji sabiex id-drittijiet tagħha bħala azzjonista minoritarja*

---

[4] Ara ittra datata 26 ta' Awwissu 2021 hawn annessa u mmarkata bħala **Dok.U4**.
[5] Ara ittra datata 13 ta' Settembru 2021 hawn annessa u mmarkata bħala **Dok.U5**.
[6] Ara estratt meħud mis-sit tal-Malta Business Registry hawn anness u mmarkat bħala **Dok.U6**.

*ta' Gameday jiġu ssalvagwardati u t-trasferiment tal-Ishma in kwistjoni jiġi rifless fir-reġistru tal-membri tal-istess.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 53).

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ottubru 2021 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-12 ta' Jannar 2022 fid-9:30 a.m.

Rat ir-**<u>risposta</u>** tas-soċjeta intimata **Gameday Group plc** intavolata fil-5 ta' Novembru 2021 (fol 55), li permezz tagħha eċċeppiet is-segwenti:

1. *Illi preliminarjament ir-rikors huwa irritu u null stante illi s-soċjetà rikorrenti hija soċjetà inkorporata l-Iżvezja, ma għaniex indirizz, uffiċju jew rappreżentat ġuridiku f'Malta u fil-mument tal-preżentata tar-rikors ma kellhiex mandatarju indikat biex jidher għaliha formalment ai termini ta' l-Artikolu 180(1) (a) u (2) kif ukoll l-Artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jitlob illi fil-mument tal-Preżentata tar-rikors promotur, soċjetà li ma jkollhiex preżenza f'Malta bħar-rikorenti Unknown AB, ikollha lil xi ħadd hawn Malta awtorizzat jippreżenta l-iskrittura bil-miktub għan-nom tagħha. Jintqal mill-ewwel li l-fatt li l-attriċi hija stabbilita fl-Unjoni Ewropea ma tagħmel assolutament l-ebda differenza għal dan ir-rekwiżit proċedurali nostran, liema rekwiżit għadu applikabbli għal kull min iressaq atti ġudizzjarji bħala attur/rikorrent (kuntrarjament għall-pożizzjoni dawr il-kuraziji għall-konvenut) inkluż ċittadini Maltin li ma jkunux jinstabu Malta fid-data tal-preżentata u dan għaliex tali materja hija esklussivament regolata mir-regoli proċedurali ta' kull Stat Membru u minn l-ebda strument tal-Unjoni. Illi ma hemm assolutament xejn x'juri mr-rikors promotur li s-soċjetà estera Unknown AB lokalment mandatarju in rappreżentanza tagħha, fid-data tal-preżentata ta' din il-kawża u għalhekk jingħad illi fil-mument propju li saret il-preżentata tar-rikors, dak li huwa rikjest ad validitatem fl-Artikolu 180(1) tal-Kap 12 ma ġies osservat u għalhekk ir-rikors irritu u null;*

2. *Illi preliminarjament ukoll ir-rikors imressaq mis-soċjetà rikorrenti huwa monk in kwantu huwa indirizzat unikament kontra s-soċjetà Gameday Group plc ("**Gameday**") liema soċjetà ma tistax twieġeb għall-ebda waħda mis-sensiela ta' allegazzjonijiet imressqa kontriha għalkemm tifhem li tista' tkun konvenuta f'kawża dikjaratament immressqa ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 flimkien ma' min allegatament wettaq l-għemil oppressiv. Dan iżda jsir sempliċiment sabiex id-digriet finali f'dawn l-atti jkun jorbot lilha wkoll u mhux għaliex hija l-kumpanija nfisha li wettqet l-oppressjoni jew l-għemil lanjat. Ir-rikors promotur ma jiddentifika la l-azzjonisiti maġġoritarji u lanqas id-diretturi tas-soċjetà Gameday Group li allegatament wettqu l-għemejjel preġudizzjevoli ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dan imur kontra kemm id-dispożizzjonijiet tal-istess Artikolu kif ukoll il-ġurisprudenza assodata tal-Qrati tagħna dwar min għandu jkun il-leġittimu kuntradittur ta' azzjoni taħt l-Artikolu 402.*

*Filwaqt illi l-kumpanija li fiha tkun seħħet l-allegata oppressjoni tal-minoranza għandha tkun dak illi jsejjaħ statutory defendant sabiex eventwali sentenza tkun torbot lilha u lill-organi tagħha wkoll, ċertament ma tista' qatt tkun hi* ***l-unika*** *konvenuta u dan għaliex ċertament mhix hi responsabbli għall-aġir lanjat mir-rikorrenti imma se mai diretturi, rappreżentanti, azzjonisti eċċ. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq il-mertu, jekk għandhom raġun ir-rikorrenti jkun saħansitra fl-interess ta' Gameday li dawk il-lanzjani jiġu indirizzati u, jekk ma għandhomx tali raġun, Gameday tkompli għaddejja kif inhi; qatt iżda ma tista' tkun il-kumpanija nfisha waħedha li tiddefendi aġir allegatament preġudizzjevoli kommess mid-diretturi u/jew l-azzjonisti tagħha kontra membri tagħha stess.*

3. *Illi din il-kawża hija wkoll konfuża peress illi dan ir-rimedju taħt l-Artikolu 402 huwa rimedju mogħti lill-membri tas-soċjetà sabiex jekk membru jilmenta li l-kumpanija kienet ġiet jew tkun qed tiġi mmexxija b'mod illi jkun oppressiv, diskriminatorju jew preġudizzjali fil-konfront tiegħu bħala membru tal-istess soċjetà, tali membru jkun jista jitlob lill-Qorti sabiex tintervjeni u tagħti wieħed jew aktar minn sensiela ta' rimedji legali u ekwitattivi sabiex tindirizza tali kondotta allegatament oppressiva. Is-soċjetà rikorrenti, permezz tal-ittri annessi mar-rikors promotur indikati bħala Dok U1, Dok U3, Dok U4 u Dok U5, ilha tinsisti mas-soċjetà Gameday illi m'għadiex azzjonista tas-soċjetà rikorrenti peress illi hija allegatament trasferiet l-ishma tagħha lill terzi u għalhekk ma għandiex titqies bħala membru tas-soċjetà esponenti Gameday. Illi għalhekk fil-kuntest proċedurali din huwa improponibli li Unknown AB li filli tgħid illi mhijiex azzjonista u filli tintavola kawża li fiha biss rimedju għal-azzjonisti f'soċjetà kummerċjali qabel ma l-ewwel tindika x'inhi l-pożizzjoni tagħha sabiex l-intimata esponenti tkun tista' titressaq difiża f'dan is-sens. Qabel xejn ir-rikorrenti trid tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar jekk tqisx ruħha membru jew le tas-soċjetà esponenti.*

4. *Illi fuq il-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet rikorrenti huma mbagħad manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għaliex il-passi kollha li ttieħdu mill-Bord tad-Diretturi kienu kollha metikolożament u sal-iċken dettall meħuda skond l-istatut u l-ftehim applikabblu kollha u l-azzjonijiet kollha lanjati kienu meħudin sewwa u dan kif f'dawn il-proċeduri din l-Onorabbli Qorti sejra tgħarbilhom fid-dettall u fl-opinjoni tal-intimata sejra tikkonferma kif ma sar assolutament l-ebda oppressjoni tal-ebda membru, inkluż ir-rikorrenti. Anzi, l-azzjonijiet kollha dejjem ittieħdu fl-aħjar interess tas-soċjetà u tal-membru tagħha minkejja l-egoċentriżmu u d-diżinteress totali ta' kif l-azzjonijiet meħuda mir-rikorrenti fl-interess esklussiv tar-rikorrenti u l-benefiċjarju aħħari tagħha ser jimpattaw l-esponenti intimata. Il-kumpanija dejjem tmexxiet fl-aħjar interessi tagħha u anzi l-interessi patrimonjali tagħha u tal-azzjonisti tagħha ġew dejjem difiżi bl-akbar qawwa minkejja l-aġir tar-rikorrenti li fejn kien fl-interess tagħha (Unknown AB) u tal-azzjonist aħħari tagħha li tagħmel hekk ma ħasbithiex darbtejn milli tikser vinkoli kuntrattwali, tarmi dak kollu li kien miftiehem mal-esponenti sabiex issalva l-interessi tagħha u tal-azzjonist tagħha;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti Unknown AB*

6. *B'riserva kompluta għal azzjonijiet fid-danni li ser jitressqu f'sede separata.*

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2022 dehru l-Avukati Malcolm Falzon u Jasmine Abela għas-soċjeta` rikorrenti u dehru l-Avukat Antoine Cremona u Julienne Bencini għas-soċjeta` intimata.

Rat illi bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet il-Qorti sejra l-ewwel tisma` u tiddeċiedi l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari mressqa mis-soċjeta intimata.

Rat in-nota tas-soċjeta` intimata intavolata fit-30 ta' Marzu 2022 (fol 65) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' Edward Licari b'dokumenti annessi (fol 66 sa fol 99).

Rat in-nota tas-soċjeta` rikorrenti ntavolata fit-2 ta' Mejju 2022 (fol 100) li permezz tagħha ippreżentaw żewġ dokumenti (Dok A u Dok B, fol 101 sa fol 115).

Rat illi fl-udjenza tal-10 t'Ottubru 2022 il-partijiet trattaw l-ewwel tlett eċċezzjonijiet u rat ukoll li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment dwar l-istess eċċezzjonijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din l-azzjoni mressqa mis-socjeta' -rikorrenti estera tikkonsisti f'talba ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tiddikjara li l-affarijiet tas-soċjeta` Gameday Group plc tmexxew u qegħdin jitmexxew b'mod oppressiv, mhux ġust u diskriminatorju fil-konfront tal-istess soċjeta` rikorrenti u sabiex tordna lis-soċjeta intimata tirrifletti t-trasferiment tal-ishma kif spjegat minnha fir-rikors promotur fir-reġistru tal-membri ta' Gameplay Group plc u dana stante rifjut ta' trasferiment ta' ishma favur terza persuna li r-rikorrenti ttenta li jagħmel bħala azzjonista minoritarja tal-soċjeta intimata.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi fir-risposta tagħha, is-soċjeta` intimata u in linea preliminari, tikkontendi li r-rikors huwa irritu u null stante illi s-soċjeta` rikorrenti hija soċjeta` inkorporata fl-Isvezja u m'għandhiex indirizz, uffiċju jew rappreżentant ġuridiku f'Malta u fil-mument tal-preżentata tar-rikors ma kellhiex mandatarju indikat biex jidher għaliha formalment ai termini tal-Artikolu 180(1) u (2) u kif ukoll l-Artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Tikkontendi wkoll li r-rikors imressaq mis-soċjeta` rikorrenti huwa monk in kwantu li huwa indirizzat unikament kontra s-soċjeta` Gameday Group plc liema soċjeta` ma

tistax twieġeb għall-ebda waħda mis-sensiela ta' allegazzjonijiet imressqa kontriha. Tgħid li r-rikors promotur ma jidentifikax, la l-azzjonisti maġġoritarji u lanqas id-diretturi tas-soċjeta` intimata li allegatament wettqu l-eghmejjel preġudizzjevoli u dan imur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tikkontendi li l-kawża hija ukoll konfuża minħabba li r-rimedju taħt l-Artikolu 402 huwa rimedju mogħti lill-membri tas-soċjeta` filwaqt li s-soċjeta` rikorrenti ilha tinsisti li mhix membru u azzjonista tal-istess soċjeta` intimata u għalhekk trendi l-azzjoni waħda improponibbli. Tgħid li r-rikorrenti għandha tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar jekk tqisx ruħha membru jew le tas-soċjeta` intimata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mix-xhieda u mid-dokumenti ppreżentati mill-partijiet jirriżultaw is-segwenti fatti:

Illi **Edward Licari,** fl-affidavit tiegħu jgħid li huwa ilu mill-2015 jokkupa l-pożizzjoni ta' Chief Executive Officer ta' Gameday Group plc. Jispjega li Gameplay tifforma parti minn grupp ta' numru ta' soċjetajiet oħra kemm lokali kif ukoll esteri.

Jispjega li Gameday hija kumpanija pubblika u hija *holding company* u l-iskop tagħha primarjament huwa li topera bħala holding company tas-sussidjarji tagħha u li tikseb faċilitajiet jew tidħol f'arraġamenti f'isimha għal benefiċċju tagħha jew tas-sussidjarji tagħha. Jgħid li l-industrija li joperaw fiha s-sussidjarji tagħha hija dik tal-logħob tal-azzard (gaming) u l-liċenzji relattivi tagħhom.

Jispjega li d-diretturi tas-soċjeta` intimata huma Sir Erik Johan Sebastian Skarp u Sir Johan Per Cal Svennson, it-tnejn ta' nazzjonalita` Svediża iżda residenti Malta, imexxu l-kumpanija bħala diretturi u għalhekk jagħmlu kull att ordinarju fit-tmexxija tas-soċjeta` fl-aħjar interess tas-soċjeta` u tal-azzjonisti tagħha. Jgħid li ta' kuljum ikollu kuntatt mal-istess diretturi sabiex jiġu diskussi affarijiet diversi fil-qadi tad-dmirjiet u fit-tmexxija tal-kumpanija.

Jispjega li s-soċjeta` hija strutturata b'mod illi l-ishma u l-kontroll jinsab diviż ma' sittin azzjonist ieħor, fosthom is-soċjeta rikorrenti li għandha 33,863 ishma ordinarji tal-valur ta' Eur0.150 għal kull sehem. Jgħid li sa llum dawn għadhom ma jidhrux li ġew trasferiti. Jgħid li s-soċjeta` rikorrenti mhijiex Maltija u ma għandhiex rappreżentazzjoni ġewwa Malta u kull komunikazzjoni issir f'indirizz barra minn Malta.

Il-Qorti tinnota li mal-affidavit ġew annessi numru ta' dokumenti li jikkonfermaw dak li ingħad fl-affidavit, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Illi minn naħa tagħha s-**soċjeta rikorrenti** ppreżentat ċertifikat ta' *good standing* tas-soċjeta` Gameday Group, kif ukoll estratt mir-Reġistru tal-Membri ta' Gameday Group plc fejn is-soċjeta` rikorrenti tidher bħala membru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mit-**trattazzjoni** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Fir-rigward tal-**ewwel eċċezzjoni,** is-soċjeta` intimata tikkontendi li s-soċjeta` rikorrenti hija bbażata fl-Isvezja u hawn Malta m'għandha l-ebda rappreżentant, l-ebda persuna la fid-data tal-preżentata tar-rikors u lanqasfid-data tas-smigħ tal-proċeduri f'Malta u l-posizzjoni taghha lanqas ma ġiet sanata. Tinsisti li dan ir-rekwiżit tal-liġi ma jiġix sanat bil-fatt li s-soċjeta` hija reġistrata fl-Unjoni Ewropea stante li l-liġi Maltija titlob speċifikament il-preżenza f'Malta.

In sosten ta' dan tikkwota s-sentenzi **Perit Arkitett Delia vs Segretarju Prinċipali tat-Turiżmu**, kif ukoll, **Educational Society vs Adrian Camilleri**. Tgħid li din il-posizzjoni ġiet adottata mill-Qorti tal-Appell ukoll **f'Castelli vs Focal Martitime Service** li qalet: "*huwa veru li regolamenti u li partijiet mhux domiċiljati Malta jistgħu jressqu kawżi f'qorti estera jew anke Qrati Maltin kontra residenti Maltin u vice versa. L-Atti f'kawża tal-pajjiż jistgħu jiġu servuti fuq pajjiż innifsa anke jekk ma jkunux residenti u jkunu residenti f'pajjiż ieħor. Iżda metoloġija kif isir dan tiġi regolata mill-pajjiż fejn tinfetaħ il-kawża b'rikors li jrid jiġi maħluf minn wieħed mill-atturi li jrid ikollu preżenza fiżika fid-data tal-ftuħ*".

Tgħid li dan it-tgħallim tal-Qorti ġie ċitat f'numru ta' kawżi oħra u taċċenna b'mod partikolari għas-sentenza **AS Management vs Construction Service Management** (238/2018) deċiża fis-17 ta' Novembru 2020 li għamlet distinzjoni bejn il-ftuħ tal-kawża u x'inhu rekwiżit proċedurali strett li hemm fil-ftuħ tal-kawża u x'jista jiġri fil-frattemp. Tissottometti li f'dan il-kaz la hemm prokura u lanqas xi ħadd li jirrappreżenta l-istituzzjoni ai termini tal-artikolu 181A.

Tissottometti fir-rigward tat-**tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** li huma speċifiċi għall-azzjoni taħt l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta li fil-fehma tagħha din il-Qorti għandha tindirizza direttament il-kwistjoni dwar jekk kumpanija waħedha tistax tkun l-unika konvenuta f'din it-tip t'azzjoni. Tispjega li hemm ġurisprudenza vasta dwar min jista` jkun *proper plaintiff* u f'dan ir-rigward hemm sentenza li tikkjarifika li membru jista jkun minoritarju jew maġġoritarju u ma jistax ikun *second tier shareholder* imma dirett, ma jistax ikun membru passat iżda preżent. Tgħid li kien hemm sentenza wkoll li jittrattaw min hu l-*proper defendant* fejn hemm għadd ta' sentenzi li jgħidu li biex il-ġudizzju jkun integru, il-kumpanija trid bilfors tkun intimata għax inkella ma tkunx torbot lill-istess kumpanija. Tgħid iżda li dwar il-fattispeċi tal-kawża odjerna qatt ma ttieħdet posizzjoni mill-qorti. Tissottometti li jekk kemm -il darba sar preġudizzju lis-soċjeta` rikorrenti, dan ma sarx mis-soċjeta` intimata iżda sar minn xi ħadd ieħor. Seta' sar minn diretturi jew azzjonisti, iżda ċertament mhux mill-kumpanija nnifisha. B'referenza għall-insenjament tal-Professur Muscat kif ukoll ta' din il-Qorti diversament preseduta, tgħid li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi jwieġeb għall-għemilu min għamlu u għalhekk mhux il-kumpanija għamlet dak il-preġudizzju u allura ma tistax tkun hi li twieġeb għalih, u aktar u aktar weħidha. Tgħid li l-irwol tal-kumpanija f'dan ir-rigward hu li tkun parti mill-kawża iżda li toqgħod għal kollox lura biex imbagħad issegwi l-istruzzjonijiet tal-Qorti. F'dan ir-rigward tiċċita numru ta' sentenzi li jagħmel referenza għalihom il-Profs Muscat fosthom **Calleja vs Calleja** li hija kwotata u ċitata **f'Mikals Co Ltd vs Kevin Fitzpatrick** et deċiża fit-18 ta' Marzu 2021.

Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tissottometti li din tittratta l-kwistjoni li diġa` saret referenza għaliha dwar il-*proper plaintiff.* B'referenza għall-fol 33 u 34 tal-proċess li tikkonsisti f'*declaration of share transfer*, tgħid li f'dan ir-rigward fis-26 t'Awwissu 2021

(d-data tal-ittra li qed issir referenza għaliha), il-kumpanija rikorrenti tgħid li m'għadhiex membru u dan għax kienet biegħet sehma fl-istess. Tissottometti li ma setgħetx imbagħad xahar wara dik l-ittra tintavola il-proċeduri odjerni b'azzjoni li hi esklussiva għal membri. In sosten ta' dan, tikkwota is-sentenzi ta' din il-Qorti, diversament preseduta, ta' Vassallo Trigona u ta' Shaw illi jgħidu li r-rimedju jmut meta tieqaf tkun membri.

Minn naħa tagħha **is-soċjeta rikorrenti,** fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carina Borg Olivier et noe vs Caine Cordina** (Ref Nru: 645/14/01) fejn ir-rikorrenti kienet preżenti f'Malta sabiex ħadet il-ġurament iżda ma kinitx preżenti f'Malta meta ġiet ippreżentata l-kawża, ftit jiem wara. Il-Qorti tal-Appell f'dan il-każ qalet:

> *"Din il-Qorti ma tikkondivix din it-tali fehma, jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda prova li tindika li fid-data tal-preżentata tar-rikors l-attriċi ma kinitx Malta, wisq anqas li jrid ikun preżenti fir-reġistru tal-Qorti li fehmet l-ewwel Qorti. Li huwa rikjest mil-liġi hu li r-rikors ġuramentat ikun ikkonfermat mill-attur quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali u imbagħad jiġu preżentati mill-persuni indikati fl-artikolu 180(1)...*
>
> *Fil-każ in kwistjoni jirriżulta li l-attriċi Carina Borg Olivier filfatt ikkonfermat ir-rikors ġuramentat quddiem il-prokuratur legal fit-30 ta' Mejju 2014 in konformita allura mal-artikolu 143 tar-rikors ġuramentat, 1563 ċioe. Jirriżulta li r-rikors ġie preżentat fit-8 ta' Lulju 2014 mill-prokuratur legali in konformita mal-artikolu 180(1)(b)"*

Tgħid li fil-każ odjern ma hemmx rikors ġuramentat imma rikors promotur u mandat li ġie ppreżentat mill-prokuratur legali kif jidher mill-atti proċesswali nnfushom. Tagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Miller kontra Mills** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru 1921 fejn il-Qorti ma sabitx nullita` meta ġie ntavolat l-appell u l-appellant ma kienx f'Malta. Tirreferi wkoll għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Salome Chetcuti vs Jonathan Satariano** (Ref Nru 571/2008) fejn ingħad li fir-relazzjoni bejn klijent u avukat hu wisq paċifiku li l-avukat għandu jitqies li hu l-mandatarju tal-klijent tiegħu. Tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Asset Management vs Solutions Management** (Ref Nru 238/2018) li tagħmel studju tas-sentenzi kollha li ġew qabilha u ssib li ma hemm ħtieġa fil-liġi li tirrikjedi preżenza tar-rikorrent tul il-prosegwiment tal-kawża. Tissottometti li l-artikolu 182 tal-Kap 12 imbagħad jorbot li min jippreżenta l-atti jkun obbligat li jirċievi n-notifika tal-istess atti u għalhekk anke f'dan is-sens m'hemmx il-ħtieġa ta' mandatarju. Oltre` minn hekk tgħid li in-nullita` taċ-ċirkostanzi hija preskritta taħt l-artikolu 789 tal-Kap 12.

Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tgħid li kif proposta hija monka u dan stante li m'hemmx indikat x'għandu jiġri jekk il-Qorti tilqa` l-eċċezzjoni. Tissottometti li t-talbiet kienu dejjem indirizzati lis-soċjeta` intimata u dana stante l-bżonn li tobbliga lill-kumpanija nnifisha li tesegwixxi t-talbiet u l-ordnijiet li jingħataw. F'dan ir-rigward Profs Muscat jgħid is-segwenti: *The companies' act does not specify person or persons against an action under article 402 is to be brought, is not well not to do so the reason is that the*

*choice of the defendant or defendants depends on the facts of the case and on the type of relief.*

In sosten ta' dan, tagħmel referenza wkoll għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Joseph Calleja vs Vincent Calleja** deċiża fit-8 ta' Lulju 2004 (Ref Nru 1137/2003) fejn il-Qorti qalet li filwaqt li l-liġi tispeċifika l-proponent u kif għandha tinbeda l-proċedura, ma tispeċifikax kontra min għandha tinġieb l-azzjoni u dan stante li hija strument flessibli tal-leġislatura partikolari. Oltre` minn hekk, tissottometti b'referenza għall-istess deċiżjoni li anke jekk semmai jinsab li l-kawża kellha ssir kontra persuna kkonċernati jeżistu rimedji ordinarji u ċioe` l-proċedura tal-kjamat in kawża sabiex tali parti tkun tista tiġi miżjuda.

Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tissottometti li m'hemm l-ebda kontestazzjoni li s-soċjeta` rikorrenti hija membru u dan huwa evidenti mill-provi ppreżentati mill-istess soċjeta` rikorrenti. Tgħid li l-kawża odjerna qed issir propja minħabba l-fatt li s-soċjeta` rikorrenti ma ġietx imħollija titrasferixxi l-ishma tagħha fis-soċjeta` intimata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Magħrufa l-fatti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tevalwa u tiddeċiedi dwar it-tliet eċċezzjonijiet prelimari mressqa mis-soċjeta` intimata:

**<u>L-ewwel eċċezzjoni</u>**

L-ewwel eċċezzjoni tirrigwarda n-nullita` tal-proċeduri odjerni stante li s-soċjeta` rikorrenti hija soċjeta` inkorporata fl-Iżvezja li m'għandhiex indirizz, uffiċju jew rappreżentant ġuridiku f'Malta u <u>fil-mument</u> tal-prezentata tar-rikors ma kellhiex mandatarju indikat biex jidher għaliha formalment ai termini tal-Artikolu 180(1)(a) u (2) kif ukoll l-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Issa l-Artikolu **180(1)(a) tal-Kap 12** jgħid testwalment hekk:

> *180. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –*
>
> *(a) mill-parti stess li tidher fl-isem tagħha nfisha, jew mill-persuna li tidher bħala l-ġenitur tat-tfal taħt is-setgħa tiegħu ta' ġenitur, jew bħala tutur, kuratur, amministratur tal-komunjoni, esekutur, kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor, jew bħala prokuratur ta' knisja, xirka, sptar, jew ta' istitutipiji, jew bħala ekonomu ta' proprjetà f'kawża, jew bħala soċju jew rappreżentant ta' ditta,* ***jew bħala wieħed mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta****, jew bħala aġent jew rappreżentant ta'soċjetà oħra kkostitwita skont il-1iġi,* ***jew bħala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġippreżentata****;*

L-Artikolu **180(2) tal-Kap 12** jgħid testwalment hekk:

> *(2) Iżda ebda skrittura li jkun fiha rinunzja għall-atti, jew ammissjoni tat-talba, jew il-kunsens għal żbank ta' depożitu, ma tista' tiġi ppreżentata ħlief –*
>
> *(i) mill-persuni msemmijin fil-paragrafi (a) u (ċ) tas-subartikolu (1), jew*
>
> *(ii) minn prokuratur awtorizzat b'mod speċjali għaldaqshekk, jew*
>
> *(iii) mill-avukat, meta l-preżentata ta' dawn l-iskritturi ssir waqt is-smigħ tal-kawża*

L-artikolu **187(4) tal-Kap 12** jgħid testwalment hekk fir-rigward ta' personalitajiet ġuridiċi distinti:

> *(4) Fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura: (a) fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew (b) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1).*

F'dan ir-rigward fit-trattazzjoni tagħhom, il-partijiet għamlu referenza estensiva għad-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **ESA Asset Management S.R.L. vs Solutions & Infrastructure Services Limited** (C38866) deċiża fis-17 ta' Novembru 2020. Il-Qorti fliet bir-reqqa din is-sentenza u ser tikkwota dawk il-partijiet li tqis relevanti għal din il-vertenza. Fis-suċċint tal-każijiet elenkati fl-istess sentenza, il-Qorti ghamlet distinzjoni dwar, minn naha l-wahda x'jinhtieg meta l-att ikun pprezentat fir-Registru u minn naha l-ohra r-rapprezentanza tul il-kors tal-proceduri, u qalet is-segwenti:

> *L-uniċi żewġ sentenzi li ppronunzjaw in-nullita` tal-atti huma Perit Delia u Commonwealth. F'dawn iż-żewġ kawżi, l-atturi kienu assenti minn Malta fil-mument tal-preżentata tal-att promotur. Il-Qorti, f'Delia, iddikjarat li kienet qiegħda tippronunzja n-nullita` minħabba li l-preżenza tal-attur jew ta' prokuratur tiegħu kienet espressament meħtieġa a tenur tal-Artiklu 180(1)(a) tal-Kap 12.*
>
> *Il-kwistjoni fil-bqija tal-kawżi ma kinitx dwar jekk l-attur kellux ikun preżenti fil-mument tal-preżentata tal-att promotur, imma dwar jekk kellux ikun preżenti fil-mori tas-smigħ tal-kawża; forsi bl-eċċezzjoni ta' Miller li fiha l-prokuratur legali tal-atturi, assenti minn Malta, ippreżenta rikors tal-appell minn digriet tal-ewwel Qorti li ordnat li xorta waħda jinżammu s-seduti minkejja li l-atturi kienu msiefrin. Dan jekk wieħed iqis ir-rikors tal-appell bħala att promotur. F'Miller, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors tal-appell.*

> *F'Commonwealth (ir-ritrattazzjoni) l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) rriteniet li l-Qrati bħal speċi għalqu għajn waħda biss fejn l-att promotur ġie ppreżentat validament mill-attur jew prokuratur tiegħu preżenti f'Malta imbagħad l-attur jassentixxi ruħu temporanjament waqt is-smigħ u jiġu ppreżentati atti oħrajn waqt l-assenza tiegħu.*

Id-deċiżjoni tipprovdi wkoll sintesi tas-sentenzi li tagħmel referenza għalihom u din il-Qorti qiegħda tirriproduċi l-istess sintesi fir-rigward għall-każijiet li kienu jirrigwardaw il-presenza tar-rikorrenti f'Malta meta tiġi ppreżentata kawża:

> ***Perit Delia vs Assistant Segretarju Prinċipali*** *deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Novembru tas-sena 1984*
>
> *L-attur kien Malti. Kien ġej u sejjer mis-safar u fid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni ma kienx f'Malta. Il-Qorti irreferiet għall-prassi li min ma jkunx preżenti f'Malta meta jiftaħ kawża jaħtar prokuratur jew kuratur.*
>
> *"Din il-prassi għandha l-aspetti prattiċi u ekwi tagħha, b'mod speċjali sabiex ikun hawn xi ħadd f'dawn il-gżejjer biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż sopportabbli mill-attur (jekk ikun il-każ) u sabiex il-konvenut ikun jista' jikkomunika l-eċċezzjonijiet tiegħu lill-persuna li taġixxi kontrih."*
>
> *Ikkwotat dak li llum huwa Artiklu 180(1)(a) li "jgħid li fost l-oħrajn dawn jistgħu jiġu ppreżentati mill-istess parti li tidher… bħala prokuratur ta' persuni li jinstabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġi ppreżentata." Għalhekk iddikjarat li ċ-ċitazzjoni kienet nulla.*
>
> ***Commonwealth Educational Society Ltd. vs Adriana Camilleri*** *ritrattazzjoni deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-2 ta' Ġunju 2003.*
>
> *Is-soċjeta` attriċi ma kinitx inkorporata lokalment u bħala soċjeta` estera ma kellhiex min jirrappreżentaha fil-mument fokali tal-preżentata tal-Avviż quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (sede ċivili).*
>
> *Il-Qorti ċċitat lil Miller Blacker vs Howard Mills Mattei u kkonkludiet li "Huwa desumibbli minn dan dedott illi min jippreżenta att gudizzjarju jrid ikun preżenti fil-gurisdizzjoni Maltija fil-mument tal-preżentazzjoni ta' l-att u jekk ma jkunx, allura l-att għandu jigi preżentat permezz ta' mandatarju jew prokuratur. Jekk dan ma jsirx dak l-att jigi ritenut null. Il-Qrati tagħna kienu jakkordaw biss ċerta liberalita` ta' gudizzju fejn wara l-prezentata valida ta' l-att promotur, dak li jkun jassentixxi ruħu temporanjament fil-kors tal-proceduri u fl-intervall jigu ntavolati atti ohra f'ismu. F'kazijiet analogi, kif bosta drabi ritenut, il-mandat ta' l-avukat jew prokuratur legali ma jispiċċax u lanqas jiġi sospiż bis-safar tal-mandanti. U allura dawn, in forza tal-Art. 180, jistgħu jippreżentaw skritturi għall-mandanti tagħhom."*

Din il-Qorti rat ukoll is-sentenza fuq ċitata fl-ismijiet **Commonwealth Education Society Ltd vs Adriana Camilleri**, appell deċiż mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-14 ta' Diċembru 2001, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"7. Illi, kif tajjeb gie sottomess fir-rikors ta' appell "billi s-socjeta' estera hija wahda inkorporata fil-Bahamas u ghalhekk barra minn Malta ......ai termini ta' l-artikoli 180(1)(a) u (2) kif ukoll ta' l-Artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kien jinhtieg ukoll illi, filwaqt tal-prezentata ta' l-Att ta' l-Avviz, l-istess socjeta' jkollha lil xi hadd hawn Malta awtorizzat bil-miktub sabiex jipprezenta l-iskrittura ghan-nom taghha, u dana sew ghall-finijiet tal-prezentata ta' l-istess skritturi, kif ukoll ghall-finijiet tan-notifika".*
>
> *8. Illi din il-Qorti tinnota li fil-mument proprju li saret il-prezentata ta' l-avviz promotorju, dak li huwa rikjest ad validitatem fil-ligi tal-procedura fl-artikolu 180(1) tal-Kap 12 ma giex osservat ad unguem. Kien evidentement ghalhekk illi in segwitu giet mitluba korrezzjoni fl-okkju billi l-patrocinant legali taghha bilfors irrealizza li minghajr tali korrezzjoni, l-avviz li gie pprezentat mis-socjeta' attrici appellanti kien irritu u null. Tajjeb jew hazin, il-fatt jibqa' li t-talba ghall-fini ta' korrezzjoni fl-okkju ma gietx akkordata mill-Ewwel Qorti u li wara li din giet respinta minnha la sar appell u lanqas ma giet irtirata l-azzjoni biex, minflok, tigi riproposta ohra kif titlob il-ligi. Illi ghalhekk huwa kollu inutli ghas-socjeta' attrici li tibqa' tinsisti fuq dak li suppost sar mill-ewwel Qorti.*
>
> *9. Is-sottomissjonijiet kollha tas-socjeta' appellanti, li anke hi bhala socjeta' registrata barra minn Malta, jista' jkollha, u fil-fatt ghandha, personalita' guridika distinta li tintitolaha tagixxi f'isimha m'humiex il-pern veru tal-kwistjoni. Il-punt veru ta' diffikulta' huwa dak invece li l-prezentata ta' l-avviz promotorju saret minn persuna li fil-mument tal-prezentata ma kienetx Malta u li, waqt il-prezentata ta' l-avviz promotorju mill-atti, ma kien hemm assolutament xejn x'juri li din is-socjeta' estera kellha lokalment mandatarju in rapprezentanza taghha. F'dan is-sens ghalhekk, m'ghandhiex ragun is-socjeta' appellanti li tibqa' tinsisti li hija kienet "ab initio" ottemperat ruhha sew mar-rekwiziti kollha tal-ligi. Dan huwa invece manifestament skorrett. Meta l-ewwel Qorti rriferiet ghas-socjeta' attrici bhala wahda "non-ezistenti" kien jidher sufficjentement evidenti mill-korp ta' l-istess decizjoni li dak li riedet tfisser l-Ewwel Qorti kien li din is-socjeta' ma kinetx inkorporata lokalment, ma kellhiex indirizz jew ufficcju f'Malta, u fil-mument tal-prezentata ta' l-avviz ma kellhiex mandatarju biex jirrapprezentaha formalment skond il-ligi, u dan kif fuq inghad. Jekk il-fatti kienu differenti, dawn certament ma dehrux hekk meta l-att promotorju gie pprezentat, ghaliex "quod non est in acti non est in mundo". Is-socjeta' attrici ppruvat tissana tali nuqqas procedurali billi wara l-akkadut tipprezenta dokumenti in iskritt u taghmel talba ghall-fini ta' korrezzjoni izda ma rnexxilhiex tottjenija. Bic-cahda tal-korrezzjoni li intalbet kien ifisser li kollox baqa invarjat. Kwindi dan igib u jwassal ghan-nullita' ta' l-istess prezentata – ezattament kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-*

*Ewwel Qorti li dwarha gie interpost dana l-appell. Kien evidentement ghal din ir-raguni li l-Ewwel Qorti gustament irriteniet illi "kwindi kif intavolata l-azzjoni ma tistax tregi".*

Ukoll, il-Qorti taghmel referenza ghall-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Avukat Carmelo Castelli noe et vs Focal Maritime Services Limited**[7] et fejn intqal propju hekk:

*F'kaz ta' socjeta`, avolja din tista' tagixxi u tigi citata f'kawza f'isimha biss, jehtieg ukoll li jkun hawn Malta persuna fizika li jirrapprezentaha, ghax jekk il-persuna jew persuni li jkunu moghtija r-rapprezentanza tas-socjeta` jew tal-ghaqda jkunu assenti minn Malta, l-Artikolu 929(d) tal-Kodici imsemmi jesigi l-hatra ta' kuraturi biex jirrapprezentaw lill-istess socjeta`; dan il-provvediment tal-ligi jghodd ukoll ghal "kull ghaqda ta' persuni jew organizzazzjoni ohra" kif jaqghu li jkunu klassifikati zgur is-socjetajiet attrici f'dan il-kaz.*

***Dan ifisser li s-socjeta` estera tista' zgur tiftah kawzi hawn Malta, pero`, trid tkun rapprezentata minn xi persuna residenti Malta*** *jekk ma tridx li jinhatru kuraturi biex jirrapprezentawha (ara wkoll l-Artikolu 180(1)(a) tal-Kodici imsemmi). Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza Commonwealth Educational Society Ltd v. Camilleri, deciza fit-2 ta' Gunju 2003, kienet ukoll osservat li kawza istitwita minn socjeta` estera hija nulla jekk din ma jkollhiex rapprezentanza lokali.*

Il-Qorti trid tghid illi fl-isfond anke ta' dak li pubblikament qed jissemma' bhala riforma tal-procedura versu l-proceduri digitali, riferibbli ukoll ghall-prezentata ta' atti promoturi, allura dan il-provvediment tal-ligi jaf jigi superfluwu. Minkejja dan, kif ritenut diversi drabi, xogħol il-Qorti huwa li tapplika l-liġi eżistenti u mhux li tagħmilha, u sakemm il-ligi, kif fuq jinghad, ghadha tirrikjedi l-prezenza fattwali u fizika tar-rikorrenti jew rapprezentant tieghu, allura dik il-ligi trid tigi applikata.

Għalhekk, applikati l-artikoli tal-liġi fuq ċitati u l-insenjament tal-qrati f'każijiet simili għall-fattispeċi tal-każ odjern, jirriżulta ampjament ċar mill-provi li s-soċjeta` rikorrenti ma kinitx preżenti f'Malta meta ġie ppreżentat r-rikors promotur u jirriżulta wkoll li ma kellhiex mandatarju mqabbad għal dak l-iskop kif rikjest mill-artikolu 180(1)(a).

**Għalhekk din il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tiddikjara r-rikors promotur kif intavolat mis-soċjeta` rikorrenti Unknown AB bħala irritu u null u kwindi l-azzjoni kif proposta ma tistax treġi.**

[7] 1465/2021/1 tat-3 ta' Frar 2012

La darba l-Qorti sabet li r-rikors promotur huwa null, m'hemmx skop li din il-Qorti teżamina u tiddeċiedi dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta` intimata.

## Decide

GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet fuq premessi il-Qorti qiegħda tilqa` l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` intimata Gameday Group plc u tiddikjara r-rikors tas-soċjeta` rikorrenti null u konsegwentament tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors.

L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**